MALTA

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Charmaine Galea LL.D.**

**Illum 20 ta' Novembru 2017**

**Fl-atti tal-kawza fl-ismijiet**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**v.**

**Justin Mamo**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' l-ufficjal tal-*probation* Joseph Mizziipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2017 li bih ghamel denunzja fis-sens ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u fejn informa lil din il-Qorti li l-imsemmi Justin Mamo naqas milli jsegwi d-direttivi moghtija lilu biex jeghleb il-problema tad-droga;

Rat illi d-denunzjat kien gie akkuzat quddiem din il-Qorti talli nhar il-31 t'Awwissu, 2016 ghall-habta tad-disgha ta' filghaxija gewwa Telghet Spencer, Marsa:

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni EQZ-629, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' Ewro 250 li saret ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe`

vettura tal-ghamla Fiat bin-numru ta' registrazzjoni LQZ-271, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' Ewro 250 li saret ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura tal-ghamla Chevrolet bin-numru ta' registrazzjoni DAV-211, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta' Ewro 250 li saret ghad-dannu ta' Mario Tanti, Nicholas Tanti u/jew persuni ohra.; **u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ittanta li jikkommetti serqa minn gewwa vettura tat-tip Chevrolet bin-numru tar-registrazzjoni EQZ-629, ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin; **u dan bi ksur tal-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ittanta li jikkommetti serqa minn gewwa vettura tat-tip Fiat bin-numru tar-registrazzjoni LQZ-271, ghad-dannu ta' Jason Aquilina, London Services Ltd. u/jew persuni ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta` tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin; **u dan bi ksur tal-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta' flus kontanti u cioe' 10 euro, kif ukoll sett ta' cwievet u licenzja tas-sewqan, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment ta' Nicholas Tanti, Mario Tanti u/jew persuni ohra; **u dan bi ksur tal-artikoli 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;**

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1114 u PC 79, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; **u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat is-sentenza moghtija minn din il-Qorti fit-2 ta' Settembru 2016 li permezz taghha il-Qorti, fuq ammissjoni, u sabet lill-istess Justin Mamo hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qeghditu taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tliet snin filwaqt li poggietu wkoll taht Ordni ta' Supervizjoni ghal tlett (3) snin;

Rat illi d-denunzja giet appuntata ghas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2017 fejn l-imputat ma deherx;

Rat illi fis-seduta sussegwenti tad-9 ta' Novembru 2017 deher l-imputat li ddikjara li jixtieq jaghmel programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u ghal dan il-ghan gie ffissat seduta stante appuntament mal-ufficjal tal-*probation* ghall-15 ta' Novembru 2017;

Rat ir-rikors tal-ufficjal tal-*probation* ipprezentat fis-17 ta' Novembru 2017 fejn informa lill-Qorti illi d-denunzjat mhux f'kundizzjoni stabbli minhabba d-dipendenza fuq id-droga u li d-denunzjat kien qed jinsisti li ma jridx isegwi l-istruzzjonijiet tal-istess ufficjal dwar l-ghajnuna li ghandu bzonn biex jeghleb il-vizzju tad-droga;

Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Joseph Mizzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ordni ta' *probation* maghmul fil-konfront ta' l-imsemmi Justin Mamo stabbilixxa s-segwenti kondizzjonijiet:

> **"1. Li matul il-perijodu ta' *probation* il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-*probation officer* u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-*probation* mahtur lilu.**
>
> **"2. ….**
>
> **"3. ....**
>
> **"4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess ufficjal tal-*probation*; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-ufficjal tal-*probation* ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess ufficjal tal-*probation*."**

Mill-atti jirrizulta illi l-*probationer* ghandu problema kbira ta' droga.

Bhalma solitament taghmel din il-Qorti, tat l-opportunita` lill-*probationer* juri jekk kienx verament dispost biex isegwi l-ordni ta' *probation*. Sfortunatament bl-agir tieghu wera li ma ghandu l-ebda motivazzjoni biex bil-kapacitajiet tieghu biss ihalli warajh hajja ta' droga. Nonostante dan, fis-seduta tal-lum, huwa talab li jintbaghat il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u jinghata t-trattament ghall-vizzju tad-droga.

Konsegwentement din il-Qorti ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tittratta mieghu mill-gdid ghar-reati hawn fuq imsemmija kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, din il-Qorti tosserva illi huwa kien ammetta u nstab hati ta', *inter alia,* diversi serqiet minn vetturi.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Justin Mamo kiser l-ordni ta' *probation* tat-2 ta' Settembru 2016, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghall-imputazzjonijiet hawn fuq imsemmija (fit-tieni paragrafu) u, wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 41 (1) (a), 95, 261, 263, 270, 271, 278 u 325 (1) (c), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghas-sentenza tat-2 ta' Settembru 2016, tikkundanna lill-imsemmi **Justin Mamo** ghall-piena ta' prigunerija ghal perijodu ta' **erba' u ghoxrin (24) xahar** u ghall-hlas ta' **multa ta' tmien mitt ewro (€800)** li tithallas sa zmien sentejn minn meta Justin Mamo jiskonta il-piena karcerarja erogata b'din is-sentenza u fin-nuqqas tigi kkonvertita fi prigunerija.

Il-Qorti qieghdha wkoll tpoggi lil Justin Mamo taht **Ordni ta' Trattament** ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza li jifforma parti integrali minnha.

**Ghal kull bwon fini tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin sabiex jipprovdi lill-hati l-ghajnuna mehtiega minhabba l-problema ta' droga li ghandu, kif ukoll kull ghajnuna psikologika u psikjatrika li jkollu bzonn.**

________________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

______________________

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**